IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2016
COM(2016) 543 final

2016/0259 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-ideali, il-prinċipji u l-valuri integrati fil-wirt kulturali Ewropew jikkostitwixxu sors kondiviż ta' tifkira, fehim, identità, djalogu, koeżjoni u kreattività għall-Ewropa. Mill-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura[1] fl-2007, il-wirt kulturali kien prijorità taħt Pjanijiet ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura suċċessivi, inkluż il-pjan attwali għall-perjodu 2015-2018[2]. Il-kooperazzjoni fil-livell Ewropew saret primarjament permezz tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni. Fl-2014, ir-rwol ta' politiki dwar il-wirt li jwasslu benefiċċji soċjali u ekonomiċi ġie enfasizzat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli[3] (21 ta' Mejju 2014), u fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali*[4]. Il-Komunikazzjoni intlaqgħet mill-Kumitat tar-Reġjuni fl-Opinjoni tiegħu tas-16 ta' April 2015[5], u mill-Parlament Ewropew, li adotta Riżoluzzjoni fit-8 ta' Settembru 2015[6].

B'mod partikolari, stedina lill-Kummissjoni sabiex tipproponi "Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali" ġiet inkluża fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali, adottati fil-25 ta' Novembru 2014[7]. Il-Parlament Ewropew għamel stedina simili fir-riżoluzzjoni tiegħu u stieden lill-Kummissjoni "li taħtar, preferibbilment għall-2018, Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali". Il-Kumitat tar-Reġjuni wkoll tenna dik is-sejħa fl-opinjoni tiegħu u saħaq li Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet kondiviżi fil-kuntest pan-Ewropew.

Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni tal-wirt kulturali għal tkabbir ekonomiku u koeżjoni soċjali fl-Ewropa mhix magħrufa biżżejjed u ta' spiss hija sottovalutata. Fl-istess ħin, is-settur tal-wirt kulturali fl-Ewropa qed jiffaċċja ħafna sfidi. Dawn jinkludu: baġits pubbliċi dejjem jonqsu; parteċipazzjoni dejjem inqas f'attivitajiet kulturali tradizzjonali; pressjoni ambjentali u fiżika dejjem tiżdied fuq siti ta' wirt kulturali; it-trasformazzjoni ta' ktajjen u aspettattivi ta' valur bħala riżultat tax-xaqliba lejn id-diġitalizzazzjoni; u t-traffikar illegali ta' artefatti kulturali.

Bħas-Snin Ewropej kollha, l-għan ewlieni huwa is-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi u l-opportunitajiet u li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet kondiviżi. F'konformità mal-għanijiet tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura, is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali għandu jkollha l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

---

1 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura (2007/C 287/01) ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.

2 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2015-2018 (2014/C/463/02)

3 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (2014/C 183/08) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 36.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Lulju 2014 Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali COM(2014) 477 finali.

5 L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Approċċ integrat għall-wirt kulturali tal-Ewropa (2015/C 195/04) ĠU C 195, 12.6.2015, p. 22.

6 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa (2014/2149(INI)) P8_TA(2015)0293

7 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali (2014/C 463/01) ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1.

– Għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tar-rwol tal-wirt kulturali Ewropew bħala komponent ċentrali tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali. Għandha tenfasizza l-aqwa mezzi biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u salvagwardja tagħha u t-tgawdija tagħha minn pubbliku usa' u aktar diversifikat. Saħansitra, permezz ta' miżuri tal-iżvilupp tal-udjenza u l-edukazzjoni dwar il-wirt, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri, biex b'hekk jiġu promossi l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali.

– Li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-wirt kulturali Ewropew għall-ekonomija u s-soċjetà, permezz tal-potenzjal ekonomiku dirett u indirett tagħha. Dan jinkludi l-kapaċità li ssostni l-industriji kulturali u kreattivi u tispira l-ħolqien u l-innovazzjoni, tippromwovi turiżmu sostenibbli, u tiġġenera impjieg lokali fuq medda twila ta' żmien.

– Li tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' wirt kulturali bħala element importanti tad-dimensjoni internazzjonali tal-UE, filwaqt li tibni fuq l-interess f'pajjiżi sħab għall-wirt kulturali u l-għarfien espert tal-Ewropa. Il-wirt kulturali għandu rwol ewlieni f'diversi programmi fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, primarjament — iżda mhux esklussivament — fil-Lvant Nofsani. Il-promozzjoni tal-valur tal-wirt kulturali huwa wkoll reazzjoni għad-distruzzjoni intenzjonata ta' teżori kulturali f'żoni ta' kunflitt[8].

Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali se toffri opportunitajiet għaċ-ċittadini Ewropej biex jifhmu aħjar il-preżent permezz ta' interpretazzjoni aktar rikka u kondiviża tal-passat. Din se tistimula evalwazzjoni aħjar tal-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-wirt kulturali u l-kontribut tagħhom għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. Dan jista' jiġi vvalutat, pereżempju, f'termini tal-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u riġenerazzjoni urbana. Se tenfasizza l-isfidi u l-opportunitajiet marbuta mad-diġitalizzazzjoni. Se tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi identifikati, permezz tat-tixrid tal-aqwa prattiki dwar: salvagwardja; ġestjoni; titjib; governanza; u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Avvanzi riċenti f'termini ta' innovazzjoni teknoloġika u soċjali fil-qasam tal-wirt kulturali, kif ukoll l-inizjattivi tal-UE f'dawn id-dominji, se jiġu enfasizzati.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali se tiġi implimentata bl-użu ta' programmi tal-UE eżistenti. Il-wirt kulturali huwa attwalment eliġibbli għall-finanzjament sinifikanti tal-UE taħt diversi programmi tal-UE għall-konservazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-infrastruttura, ir-riċerka u l-innovazzjoni, titjib u ħiliet. Dawn il-programmi jinkludu: Ewropa Kreattiva; il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; Orizzont 2020; Erasmus+; u L-Ewropa għaċ-Ċittadini. Tliet azzjonijiet tal-UE speċifikament iddedikati għall-wirt kulturali huma ffinanzjati taħt Ewropa Kreattiva: il-Jiem tal-Wirt Ewropew; il-Premju tal-UE għall-Wirt Kulturali; u ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

Is-Sena Ewropea se tkun opportunità biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw approċċ aktar b'saħħtu u integrat għall-wirt kulturali. Dan l-approċċ ikollu l-għan li jippromwovi u jipproteġi l-wirt kulturali tal-Ewropa, u jimmassimizza l-valur intrinsiku u soċjetali tiegħu, u l-kontribuzzjoni tiegħu għal impjiegi u tkabbir. Dan se jkun segwit b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

B'mod simili għal Snin Ewropej oħrajn, il-miżuri jinkludu kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni, avvenimenti u inizjattivi fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawn

[8] Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", JOIN(2016) 29 finali

se jservu sabiex iwasslu messaġġi ewlenin u jxerrdu informazzjoni dwar eżempji ta' prattika tajba.

Se jsir kull sforz sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet organizzati matul is-Sena Ewropea jkunu mfassla sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna sabiex jaħtru koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali. Grupp ta' tmexxija Ewropew, inklużi rappreżentanti tal-koordinaturi nazzjonali, se jiġi stabbilit. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali u dak Ewropew.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Li jiddikjara li l-UE għandha "tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni." L-Unjoni Ewropea għandha wkoll tinkoraġġixxi l-"kooperazzjoni bejn l-Istati Membri" fil-qasam tal-kultura u jekk ikun meħtieġ, tappoġġja u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom.

• Is-sussidjarjetà

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti b'azzjoni meħuda min-naħa tal-Istati Membri biss. Dan għaliex azzjoni fil-livell nazzjonali waħedha ma tibbenefikax mid-dimensjoni Ewropea ta' skambju ta' esperjenza u prattika tajba bejn l-Istati Membri. L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Istati Membri, u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew. L-Unjoni għandha ssegwi l-għanijiet tagħha b'mezzi xierqa, b'mod proporzjonat mal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati. Barra minn hekk, azzjoni tal-Istati Membri tibbenefika mill-għarfien u l-viżibbiltà maħluqa fl-UE u lil hinn minnha.

• Il-proporzjonalità

Il-pjan ta' azzjoni propost huwa sempliċi. Dan jistrieħ fuq programmi eżistenti u fuq l-iffukar mill-ġdid ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq it-temi tas-Sena Ewropea. Dan ma jimponi l-ebda restrizzjonijiet ta' ġestjoni sproporzjonati fuq amministrazzjonijiet li jimplimentaw il-proposta.

Azzjoni tal-UE tappoġġja u tikkomplimenta l-isforzi tal-Istati Membri. L-ewwel nett, din l-azzjoni ttejjeb l-effikaċja tal-istrumenti tal-UE stess. It-tieni, taġixxi bħala faċilitatur billi tinkoraġġixxi sinerġiji u kooperazzjoni fost l-Istati Membri, organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet kulturali, u intrapriżi privati u pubbliċi.

Azzjoni tal-UE ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati.

- **L-għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq biex ikun żgurat l-involviment sħiħ tal-awtorità leġiżlattiva fil-ħatra tal-2018 bħala s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Waqt il-preparazzjoni tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni wettqet sensiela ta' konsultazzjonijiet immirati li jinvolvu firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, li jirriflettu n-natura tas-settur tal-wirt kulturali u l-livell għoli ta' organizzazzjoni u speċjalizzazzjoni tiegħu, il-kompetenzi tal-Istati Membri u r-rwol ta' korpi professjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ikkunsidrat b'mod speċjali l-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Fil-livell tal-UE, żviluppi tal-politika dwar il-wirt kulturali bbenefikaw riċentament minn dibattitu profond. Dan ġie ffaċilitat minn korpi li jġibu flimkien awtoritajiet inkarigati minn politiki dwar il-wirt kulturali fi Stati Membri. Dawn jinkludu l-Grupp ta' Riflessjoni "l-UE u l-wirt kulturali", u l-Forum tal-Mexxejja Patrimonjali Ewropej. Organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi oħrajn jinkludu l-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM), il-Kunsill Internazzjonali tal-Monumenti u s-Siti (ICOMOS), iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Istudju tal-Preservazzjoni u Restawr ta' Proprjetà Kulturali (ICCROM), il-Kunsill tal-Ewropa. Netwerks ewlenin oħrajn attivi fil-qasam jinkludu Europa Nostra, l-Alleanza tal-Wirt Ewropew 3.3[9], u n-Netwerk tal-Organizzazzjonijiet tal-Mużewijiet Ewropej (NEMO).

Kien hemm diversi żviluppi oħrajn. F'April 2015, il-Ministri tal-Kultura tal-Kunsill tal-Ewropa adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Namur. F'din id-Dikjarazzjoni, huma laqgħu l-idea tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li torganizza Sena Ewropea tal-Wirt. Huma talbu li l-Kunsill tal-Ewropa, u l-Istati kollha Parti għall-Konvenzjoni Kulturali Ewropea, ikunu mistedna jipparteċipaw.

Fid-29 ta' Ġunju 2015, lejlet l-40 anniversarju tas-Sena Ewropea tal-Wirt Arkitettoniku li kienet organizzata fl-1975 taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat Ġermaniż tal-Wirt Kulturali (*Deutsches Nationalkomitee für Denkmalschutz*) ospita diskussjoni pubblika f'Bonn dwar il-proposta għal Sena Ewropea, flimkien mas-sessjoni tal-Kumitat tal-Wirt Dinji.

Diskussjoni rilevanti oħra ġiet organizzata f'April 2015 mill-Uffiċċju ta' Brussell tal-Europa Nostra bi grupp magħżul ta' uffiċjali kapijiet eżekuttivi ta' organizzazzjonijiet tal-membri. Fl-Assemblea Ġenerali tagħha ta' Ġunju 2015, il-membri kollha tal-Europa Nostra ddiskutew l-għan ta' Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali u l-azzjonijiet ewlenin li jistgħu jiġu żviluppati. Din kienet organizzata f'Oslo, fil-preżenza tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati wkoll fil-qafas tal-grupp ta' ħidma miftuħ "EYCH 2018", organizzat mill-Kumitat Ġermaniż tal-Wirt Kulturali u l-Kummissarju tal-

[9] Alleanza li ġġib flimkien netwerks u organizzazzjonijiet fil-qasam, ikkoordinata minn Europa Nostra. Alleanza 3.3 tirreferi għall-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)

Gvern Federali għall-Kultura u l-Midja. Dan irriżulta f'dokument kunċettwali (*Sharing Heritage (Kondiviżjoni tal-Wirt)*[10]) li ġie kkunsidrat fit-tħejjija ta' din il-proposta. Id-diskussjoni ġiet immexxija ma' membri tal-Grupp ta' Riflessjoni "L-UE u l-Wirt Kulturali", inklużi esperti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Esperti addizzjonali ġew mill-Estonja, l-Awstrija, il-Portugall u s-Slovakkja; u minn organizzazzjonijiet varji bi status ta' osservatur, inklużi n-netwerk Ewropew dwar il-ġestjoni u l-politika kulturali (ENCATC), Europa Nostra, u n-Netwerk tal-Organizzazzjonijiet tal-Mużewijiet Ewropej u oħrajn.

Seminar dwar "A European Year for Cultural Heritage: sharing heritage, a common challenge" (Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali: nikkondividu l-wirt, sfida komuni) ġie organizzat fi Brussel fit-28 ta' Ottubru 2015 mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Italja u Spanja għall-UE. Ipparteċipaw ukoll organizzazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati bħall-Europa Nostra, awtoritajiet u esperti nazzjonali.

Il-proposta kompliet tiġi diskussa fil-laqgħat tal-Grupp ta' Riflessjoni msemmi hawn fuq fil-Lussemburgu fit-23 u fl-24 ta' Settembru 2015, f'Ruma fit-30 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2015, fl-Aja fid-9 ta' Mejju 2016, u fil-laqgħa tal-Forum tal-Mexxejja Patrimonjali Ewropej f'Bern fid-19 u fl-20 ta' Mejju 2016. Finalment, saret diskussjoni oħra fil-qafas tal-Forum Ewropew tal-Kultura 2016 fid-19 ta' April 2016.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

L-inizjattiva se tibni fuq analiżi u studji indipendenti, b'mod partikolari r-rapport *Cultural Heritage Counts for Europe (Il-Wirt Kulturali Jgħodd għall-Ewropa)*[11]. Dan kien ir-riżultat ta' proġett komprensiv ta' sentejn, iffinanzjat mill-Programm Kulturali tal-UE, sabiex jikseb evidenza tal-valur tal-wirt kulturali u tal-impatt tiegħu fuq l-ekonomija, il-kultura u s-soċjetà tal-Ewropa, u l-ambjent.

Se tibni wkoll fuq ir-rapport tal-grupp ta' esperti tal-Orizzont 2020 dwar il-wirt kulturali *Getting cultural heritage to work for Europe (Il-wirt kulturali għas-servizz tal-Ewropa)*[12] u l-*Aġenda Strateġika ta' Riċerka* żviluppata mill-Inizjattiva tal-Ipprogrammar Konġunt għall-Wirt Kulturali u t-Tibdil Globali[13]. L-inizjattiva eventwalment se tibni fuq il-Pjattaforma Soċjali dwar il-Wirt Kulturali u l-Identitajiet Ewropej tal-Orizzont 2020, CULTURALBASE, inizjattiva ta' konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati multiannwali[14], kif ukoll se tibni fuq l-istabbiliment ta' Infrastrutturi ta' Riċerka Ewropej ġodda, bħal DARIAH-ERIC (Infrastruttura ta' Riċerka Diġitali għall-Arti u l-Istudji Umanistiċi) u E-RIHS (Infrastruttura ta' Riċerka Ewropea għal Xjenza Patrimonjali)[15].

Mill-Pakkett ta' ħidma 9: Kultura u Turiżmu, tal-*Evalwazzjoni ex post tal-Programmi ta' Politika ta' Koeżjoni 2007–2013, li tiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (CF)* irriżulta li l-investiment fil-kultura u t-turiżmu jista' jagħti spinta lill-ekonomija ta' reġjun u jtejjeb l-inklużjoni soċjali.

L-*Evalwazzjoni ex post tas-7 Programm Qafas tal-UE 2007–2013 (FP7),* il-programm ta' finanzjament ta' riċerka tal-UE bejn l-2007 u l-2013, ikkonkludiet li l-programm kien effettiv

10 http://www.sharingheritage.de/en/main/
11 http://ec.europa.eu/culture/news/2015/0612-cultural-heritage-counts_en.htm.
12 http://bookshop.europa.eu/en/getting-cultural-heritage-to-work-for-europe-pbKI0_115128/.
13 http://www.jpi-culturalheritage.eu/wp-content/uploads/SRA-2014-06.pdf.
14 http://www.culturalbase.eu
15 ESFRI, Rapport Strateġiku dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka, Pjan Direzzjonali 2016.

biex ta spinta għal-xjenza eċċellenti u biex saħħaħ il-kompetitttività industrijali tal-Ewropa. B'hekk, ikkontribwixxa għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa f'oqsma li huma tipikament prerogattiva nazzjonali. B'aktar minn EUR 180 miljun, l-FP7 appoġġja r-riċerka f'aspetti diversi tal-wirt kulturali Ewropew (tanġibbli, mhux tanġibbli u diġitali) taħt it-temi tal-Ambjent, ix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, il-Wirt Kulturali Diġitali, it-Teknoloġiji Industrijali, il-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Infrastruttura (elettronika). Dan il-korp ta' għarfien eżistenti għandu jkompli jiġi sfruttat.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa, minħabba li l-għanijiet tal-inizjattiva proposta jaqgħu fi ħdan l-għanijiet ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tista' tiġi implimentata fil-limiti tal-baġit eżistenti billi jintużaw dawk il-programmi li jipprevedu l-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' finanzjament fuq bażi annwali jew multiannwali. L-inizjattiva proposta ma timpenjax lill-Kummissjoni għall-ebda azzjonijiet speċifiċi ta' natura leġiżlattiva. Lanqas mhu se jkollha kwalunkwe impatt soċjali, ekonomiku jew ambjentali sinifikanti lil hinn minn dak tal-istrumenti eżistenti.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda finanzjament addizzjonali mhu mitlub għas-Sena Ewropea. Din l-inizjattiva ma teħtieġx baġit tal-UE addizzjonali. Il-flessibbiltà għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fuq bażi annwali jew multiannwali fil-programmi rilevanti hija biżżejjed sabiex tiġi prevista kampanja ta' sensibilizzazzjoni fuq skala simili għal Snin Ewropej preċedenti.

2016/0259 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[16],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-ideali, il-prinċipji u l-valuri integrati fil-wirt kulturali Ewropew jikkostitwixxu sors kondiviż ta' tifkira, fehim, identità, djalogu, koeżjoni u kreattività għall-Ewropa. Il-wirt kulturali għandu rwol fl-Unjoni Ewropea, kif jgħid il-preambolu għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jgħid li l-firmatarji jiġu "ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist tal-Ewropa".

(2) L-Artikolu 3.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha, u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew.

(3) L-Artikolu 167(1) tat-TFUE jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu li tikkontribwixxi "għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni". L-azzjoni tal-Unjoni għandu jkollha l-mira li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġja u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom, fost l-oħrajn, fil-qasam tat-titjib fit-tagħrif u fit-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, u fil-qasam tal-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew sinifikanti (l-Artikolu 167(2) TFUE).

(4) Kif enfasizzat mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali"[17], il-wirt kulturali se jiġi kkunsidrat bħala riżorsa kondiviża u ġid komuni miżmum għall-ġenerazzjonijiet futuri, li l-ħarsien tiegħu hija r-responsabbiltà komuni tal-partijiet ikkonċernati kollha.

(5) Il-wirt kulturali huwa ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, ambjentali, soċjali u ekonomiku. Għalhekk, il-ġestjoni sostenibbli tiegħu tikkostitwixxi għażla strateġika għas-seklu 21, kif enfasizzat mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-

[16] ĠU L , , p. .

[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Lulju 2014 Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali COM(2014) 477 finali.

21 ta' Mejju 2014 dwar "il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli"[18]. Il-kontribuzzjoni tiegħu f'termini ta' ħolqien ta' valur, ħiliet u impjiegi, u kwalità tal-ħajja hija sottovalutata.

(6) Il-wirt kulturali huwa ċentrali għall-Aġenda Ewropea għall-Kultura[19]. Huwa wieħed mill-erba' prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea dwar il-kultura għall-perjodu 2015–2018, kif stabbilit fil-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura attwali, adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Novembru 2014[20].

(7) Il-wirt kulturali jħaddan firxa wiesgħa ta' "riżorsi li ntirtu mill-imgħoddi fil-forom u l-aspetti kollha — tanġibbli, mhux tanġibbli u diġitali (imwielda fl-era diġitali u diġitalizzati), inklużi monumenti, siti, pajsaġġi, ħiliet, prattiki, għarfien u espressjonijiet ta' kreattività umana, kif ukoll kollezzjonijiet ikkonservati u amministrati minn korpi pubbliċi u privati bħal mużewijiet, libreriji u arkivji", kif imsemmi fil-Konklużjonijiet imsemmija hawn fuq fil-21 ta' Mejju 2014.

(8) Il-wirt kulturali ġie ffurmat matul iż-żmien mis-sinteżi u kombinazzjoni ta' espressjonijiet kulturali taċ-ċivilizzazzjonijiet varji li ppopolaw l-Ewropa. Sena Ewropea tgħin biex tinkoraġġixxi u tippromwovi fehim tal-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità ta' espressjonijiet kulturali. Mod wieħed kif jinkiseb dan jista' jkun permezz ta' programmi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni pubblika akbar, f'konformità mal-obbligi tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali[21] adottata mill-UNESCO fl-20 ta' Ottubru 2005, li l-UE hija parti minnha.

(9) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li l-UE u ħafna mill-Istati Membri huma parti minnha, fl-Artikolu 30 dwar il-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport, tiddikjara li l-Istati Msieħba jagħrfu d-dritt ta' persuni b'diżabilità li jieħdu sehem fuq bażi ugwali mal-oħrajn fil-ħajja kulturali, u li għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jassiguraw li persuni b'diżabilità, fost l-oħrajn, igawdu l-aċċess għal postijiet fejn isiru attivitajiet jew servizzi kulturali, bħal ma huma teatri, mużewijiet, ċinema, libreriji u servizzi turistiċi, u, sa fejn hu possibbli, igawdu aċċess għal monumenti u siti ta' importanza kulturali u nazzjonali.

(10) Il-Premju Ewropew għall-Belt Aċċessibbli wera l-fattibbiltà u l-prattiki tajbin li l-wirt kulturali tal-ibliet isir aċċessibbli għal-persuni b'diżabilità, persuni anzjani u dawk b'mobilità mnaqqsa jew tipi oħrajn ta' nuqqasijiet temporanji, b'modi li jirrispettaw in-natura u l-valuri tagħhom.

(11) Il-wirt kulturali jista' jkollu rwol importanti għall-koeżjoni tal-komunità fi żmien meta d-diversità kulturali qed tiżdied f'soċjetajiet Ewropej. Approċċi parteċipatorji u interkulturali ġodda għal politiki dwar il-wirt u inizjattivi edukattivi li jattribwixxu dinjità ugwali għall-wirt kulturali kollha għandhom il-potenzjal li jżidu l-fiduċja, ir-rikonoxximent reċiproku u l-koeżjoni soċjali.

---

[18] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (2014/C 183/08) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 36.

[19] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura (2007/C 287/01) ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.

[20] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015–2018) (2014/C 463/02) ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4.

[21] Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali 2005, Pariġi, l-20 ta' Ottubru 2005

(12) Dan huwa rikonoxxut ukoll fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[22] li tirrikonoxxi ċ-ċittadinanza globali, id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali bħala prinċipji predominanti tal-iżvilupp sostenibbli. Din tirrikonoxxi li l-kulturi u ċ-ċivilizzazzjonijiet kollha jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli u huma fatturi kruċjali ta' dan l-iżvilupp. Il-kultura hija msemmija espliċitament f'diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tal-2030: pereżempju l-Għan 4 (Edukazzjoni), l-Għan 5 (Ġeneru), l-Għan 8 u l-Għan 12 b'rabta mat-turiżmu (Tkabbir sostenibbli/Mudelli ta' konsum) u b'mod partikolari l-Għan 11(Bliet-Wirt).

(13) Iż-żieda fl-għarfien fil-livell internazzjonali tal-ħtieġa li l-valuri tan-nies u tal-bnedmin jitqiegħdu fiċ-ċentru ta' kunċett imkabbar u transdixxiplinarju ta' wirt kulturali ssaħħaħ il-ħtieġa li jitrawwem aċċess usa' għall-wirt kulturali. Dan jista' jinkiseb billi jintlaħqu udjenzi differenti u billi tiżdied l-aċċessibbiltà għal postijiet, bini, prodotti, u servizzi, b'kunsiderazzjoni ta' ħtiġijiet speċjali u l-implikazzjonijiet tal-bidla demografika.

(14) Politiki għall-manutenzjoni, ir-restawr, il-konservazzjoni, l-użu mill-ġdid, l-aċċessibbiltà, u l-promozzjoni ta' wirt kulturali, u servizzi relatati mal-wirt kulturali, huma primarjament responsabbiltajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali. Madankollu, il-wirt kulturali għandu dimensjoni Ewropea ċara u huwa indirizzat f'diversi politiki tal-UE lil hinn minn dawk kulturali. Dawn jinkludu l-politiki li ġejjin: l-edukazzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, l-affarijiet marittimi, l-ambjent, it-turiżmu, l-aġenda diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-komunikazzjoni.

(15) Sabiex il-potenzjal tagħhom jintlaħaq b'mod sħiħ, għal ekonomiji u soċjetajiet Ewropej, is-salvagwardja, it-titjib u l-ġestjoni ta' riżorsi tal-wirt, li huma komuni għal diversi politiki pubbliċi, jeħtieġu governanza effettiva f'diversi livelli u kooperazzjoni transsettorjali aħjar. Dan jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi awtoritajiet pubbliċi, individwi privati, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, NGOs u s-settur tal-volontarjat.

(16) Il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014[23], stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tippreżenta proposta għal "Sena Ewropea għall-Wirt Kulturali".

(17) Il-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015, irrakkomanda l-ħatra, preferibbilment għall-2018, ta' Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali[24].

(18) Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni , fl-opinjoni tiegħu tas-16 ta' April 2014[25], laqa' l-proposta tal-Kunsill għal "Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali", filwaqt li enfasizza l-kontribuzzjoni tagħha għall-kisba ta' għanijiet kondiviżi fil-kuntest pan-Ewropew.

(19) Id-dikjarazzjoni ta' Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali hija mod effettiv għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, t-tixrid ta' informazzjoni dwar prattiki tajbin u l-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll id-dibattitu politiku. Tista' tikseb sinerġija akbar u użu aħjar tar-riżorsi permezz tal-ħolqien ta' ambjent għall-

---

22 Ir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti adottatta mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015 Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli

23 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali (2014/C 463/01) ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1.

24 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa (2014/2149(INI)) P8_TA(2015)0293.

25 L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Approċċ integrat għall-wirt kulturali tal-Ewropa (2015/C 195/04) ĠU C 195, 12.6.2015, p. 22.

promozzjoni simultanja ta' dawn l-għanijiet fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali.

(20) Il-wirt huwa wkoll qasam ta' intervent f'diversi programmi fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, primarjament — iżda mhux esklussivament — fil-Lvant Nofsani. Il-promozzjoni tal-valur tal-wirt kulturali huwa wkoll reazzjoni għad-distruzzjoni intenzjonata ta' teżori kulturali f'żoni ta' kunflitt[26]. Se jkun importanti li tkun żgurata l-kumplimentarjetà bejn is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali u l-inizjattivi tar-relazzjonijiet esterni kollha żviluppati fi ħdan oqfsa adegwati. Azzjonijiet għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali taħt strumenti ta' relazzjonijiet esterni rilevanti għandhom, fost l-oħrajn, jirriflettu l-interess reċiproku assoċjat mal-iskambju ta' esperjenzi u valuri ma' pajjiżi terzi. Se jippromwovi l-għarfien reċiproku, ir-rispett u l-fehim tal-kulturi rispettivi.

(21) Filwaqt li din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri, pajjiżi tat-tkabbir għandhom madankollu jkunu assoċjati mill-qrib ma' azzjonijiet taħt is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali. Għandu jintalab ukoll, kif ikun xieraq, l-involviment ta' pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi sħab oħrajn. Dan jista' jiġi segwit taħt l-oqfsa rilevanti għall-kooperazzjoni u d-djalogu, partikolarment fil-kuntest tad-djalogu tas-soċjetà ċivili bejn l-UE u dawn il-pajjiżi.

(22) Is-salvagwardja, il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt kulturali Ewropew jaqgħu taħt l-għanijiet ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. Għalhekk, Sena Ewropea tista' tiġi implimentata bl-użu ta' dawn il-programmi taħt id-dispożizzjonijiet eżistenti tagħhom u l-istabbiliment ta' prijoritajiet ta' finanzjament fuq bażi annwali jew multiannwali. Programmi u politiki f'oqsma bħall-kultura, l-edukazzjoni, l-iżvilupp agrikolu u rurali, l-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, l-affarijiet marittimi, l-ambjent, it-turiżmu, l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-komunikazzjoni jikkontribwixxu direttament u indirettament għall-protezzjoni, it-tisħiħ, l-użu mill-ġdid innovattiv u l-promozzjoni tal-wirt kulturali Ewropew, u jistgħu jappoġġjaw l-inizjattiva skont l-oqfsa legali rispettivi tagħhom.

(23) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jkunu appoġġjati l-isforzi ta' Stati Membri sabiex jipproteġu, jissalvagwardjaw, isaħħu, jużaw mill-ġdid u jippromwovu l-wirt kulturali Ewropew. Minħabba li dan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, minħabba l-ħtieġa ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u t-tixrid fl-Unjoni kollha ta' prattika tajba, iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell ta' Unjoni, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif prevvist f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Is-sena 2018 se tinħatar bħala "Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

[26] Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", JOIN(2016) 29 finali

Artikolu 2

Għanijiet

1. F'konformità mal-għanijiet tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura, l-għanijiet ġenerali tas-Sena Ewropea għandhom ikunu l-inkoraġġiment u l-appoġġ — b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' esperjenza u prattiki tajbin — tal-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jipproteġu, jissalvagwardjaw, jużaw mill-ġdid, itejbu, jivvalorizzaw u jippromwovu l-wirt kulturali Ewropew fl-Unjoni Ewropea (UE). B'mod partikolari:

(a) Għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tar-rwol tal-wirt kulturali Ewropew bħala komponent ċentrali tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali. Għandha tenfasizza l-aqwa mezzi biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u salvagwardja tagħha u t-tgawdija tagħha minn pubbliku usa' u aktar diversifikat. Saħansitra permezz ta' miżuri tal-iżvilupp tal-udjenza u l-edukazzjoni dwar il-wirt, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri, biex b'hekk jiġu promossi l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali.

